Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAR-RABA' LAQGĦA TAT-TMIEN KUNSILL- Laqgħa Urġenti**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tnejn, 6 ta' Lulju 2015

**Ħin:** Mis-7pm sas-7.50pm

**Prezenti:** In-Nutar, Ian Spiteri
Is-Sur Andre' Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat (Skuzat)
Is-Sur Joe Galea

Is- Sindku Dr. Spiteri informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Daniel Muscat infurmah li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa ta' urġenza minħabba impenji tal-festa.

**1. <u>Diskussjoni dwar il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joe Galea</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill il-mozzjoni li kienet ippreżentata mill-Kunsillier Joe Galea u ssekondata mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' biex tissejjaħ laqgħa urġenti biex tiġi diskussa l-możżjoni li taqra:

" Qed inresaq mozzjoni biex issir laqgħa urġenti fuq kif ġraw l-affarijiet f' Jum Ħal Balzan li ġie ċċelebrat il-Ħadd 28 ta' Ġunju 2015"

Il-Kunsillier Joe Galea qal li dak li ġara fiċ-ċerimonja ta' Ġieħ Ħal Balzan nħoloq preċedent li qatt ma' nqala' min kemm ilu jieżisti l-Kunsill fejn preżenti kien hemm id-deputat l-Onor. David Agius mingħajr ma' ġie mistieden uffiċċjalment la hu u l-ebda deputat ieħor tad-distrett. Huwa staqsa b'liema dritt u minn min ġie mistieden.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li hemm *background* għal dak li ġara. Li tista' tagħti fastidju hu li l-Onor. Agius biss kien preżenti u mhux id-deputati kollha. Pero' l-aktar ħaġa li ttih fastidju hija l-kwistjoni li nqalat fl-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli fejn din qed taffettwa l-operat tal-Kunsill u fir-raħal bħalissa għaddejjin ħafna diċeriji li b'xi mod qed jagħmlu ħsara lill-Kunsill. Qed jintqalu ċertu allegazzjonijiet li jista' jkunu ta' dannu lill-Kunsill u jekk hemm xi kwistjoni għandha tissolva darba għal dejjem. Fuq din iċ-ċerimonja is- Sur Zammit Marmara semma il-parteċipazzjoni tal-fotografu mingħajr ma ġie infurmat il-kunsill b'dan u dan ma għandux isir. Rigward il-media coverage huwa qal li preżenti għall-attivitajiet għandhom jiġu mistiedna l-istazzjonijiet kollha u mhux NET TV biss. Min naħa l-oħra huwa fehem li dan kien zball ġenwin.

Il-Viċi Sindku Andre Grech tenna li l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tiegħu huma kollha infondati. Huwa ġie elett fil-kunsill bil-ħila tiegħu u ma kien hemm ebda għajnuna minn terzi persuni. Huwa qal li ma għamel ħsara lil ħadd biex ikollu gwadan politiku fl-elezzjoni tal-Kunsilli lokali. Id- deputat David Agius huwa ħabib personali tal-familja fejn saħansitra għenu fl-elezzjoni ġenerali. Dawn huwa kollha xniegħat fil-konfront tiegħu. Huwa jisma’ ta’ spiss xniegħat fil-konfront ta’ ħaddieħor pero’ la jkun infondati ma’ jagħtihomx importanza għax fl-aħħar mill-aħħar ma jkun hemm l-ebda prova u jibqgħu xniegħat.

Fir-rigward tal-preżenza ta’ l-Onor. Agius waqt Ġieħ Ħal Balzan huwa qal li ġurnata qabel kien hemm attivita’ organizzata mill-kazin Marija Annunzjata fejn preżenti kien hemm hu kif ukoll l-Onor. Agius fejn semma miegħu li l-għada kien ser ikun hemm l-attivita’ organizzata mill-Kunsill fejn jekk irid seta’ jattendi. Is- Sur Grech saħaq li fl-opinjoni tiegħu kull attivita li tiġi organizzata mill-Kunsill, l-istedina hija miftuħa għall-kulħadd u jista’ jattendi. Inoltre kien ġie miftiehem li kull kunsillier seta’ jistieden żewġ persuni jattendu riċeviment li kien ser isir wara iċ-ċerimonja.

Is- Sindku, Dr. Spiteri qal li waqt l-attivita’ tal-Kazin Marija Annunzjata ġie mitlub mill-President tal-Kazin biex jagħmel kelmtejn ta’ l-okkazjoni fejn huwa fost affarijiet oħra stieden lil-dawk preżenti biex jattendu l-għada, iċ-ċerimonja ta’ Ġieħ Ħal Balzan. Preżenti fost in-nies kien hemm l-Onor. David Agius. Huwa ukoll stat ta’ fatt li id-deputat f’kull attivita’ li ssir ġewwa Ħal Balzan dejjem ikun preżenti. Fir-rigward tar-ritratt li ttieħed ta’ l-okkazjoni tal- ċerimonja ta’l-għotja Ġieħ Ħal Balzan, xi ħadd preżenti u zgur li mhux xi persuna mill-Kunsill stieden lil-Onor. Agius jingħaqad mar-rebbieħa tal-premju u hemmhekk sar zball u għandu jiġi rikonoxxut.

Is- Sindku tenna li dan għandu jkun kapitlu magħluq fejn jekk kien hemm xi nuqqassijiet kemm mil-lat amministrattiv kif ukoll organizzattiv għandhom jiġu korretti u ma jiġux repetuti fil-futur bl-ebda mod. Wieħed irid jifhem li għadna fil-bidu tal-leġislatura fejn ħafna minnha huma ġodda u għalhekk żbalji ġenwini jistgħu isiru w bla ebda intenzjoni ulterjuri. L-importanti li ma’ jiġux ripetuti.

Huwa tenna li l-Kunsill għandu sfidi kbar quddiemu li jeħtieġu l-attenzjoni meħtieġa biex ir-raħal inħalluh fi stat aħjar milli sibnih fl-aħħar tal-leġislatura.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data